# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 23 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 59/2014 JPG**

**Elvin Grech**

**Vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Elvin Grech tal-20 t'Awwissu 2014 li jaqra hekk:

i. *"Illi l-esponent gie akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni u talli xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat. Illi l-esponent kien irrilaxxa tlett stqarrijiet meta gie interrogat mill-Pulizija, minghajr ma inghata f'ebda hin tal-arrest u l-investigazzjoni tieghu ebda access ghal assistenza legali minn avukat tal-fiducja tieghu peress illi l-ligi f'dak iz-zmien ma kienetx tippermetti dan.*

ii. *Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta'*

*hames (5) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza liema sentenza giet ikkonfermata fl-istadju tal-Appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014).*

iii. *Illi kemm il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ezaminazzjoni tal-provi sabiex waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom, strahu partikolarment fuq ix-xhieda tal-Inginier Vella u l-istqarrijiet tal-esponent, liema stqarrijiet gew mehuda minghajr l-esponent kellu access ghal assistenza legali minn avukat tal-fiducja tieghu.*

iv. *Illi jidher car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat piz lil stqarrija rilaxxata mir-rikorrenti, u filfatt tghid testwalment hekk* ***<u>'meta jigi nterrogat imbghad l-imputat jaghti verzjoni ohra</u>****.'Jghid illi wara li ta struzzjonijiet lil Pisani sabiex jittapjaha l-ittra qallu biex jghaddieha lil Vella ghal firma. Jidher li dak in-nhar Vella kien qieghed fil-ground ghaliex l-imputat jghid illi nizel ikellmu, izda haga ta'l-iskantament ma jsemmielu xejn dwar din l-ittra. Wara dan huwa rega mar fl-ufficju u sab lil Pisani sejjer l'hemm ghax qallu li ried jinzel Malta. Ghalhekk huwa tefa d-dawl tal-grawnd u telaq lejn id-dar izda ma dahalx fl-ufficju biex jara jekk l-ittra kenitx lesta (stqarrija Fol 17) u jaraha biss l-ghada jew il-pitghada fuq il-front desk minn fejn, gabarah u kkonsenjaha hu stess il-MEPA xi jiem wara.* ***<u>Meta jixhed fil-Qorti mbghad jaghti verzjoni ohra</u>****. Jghid illi wara illi ta struzzjonijiet lil Pisani biex jikteb l-ittra, huwa telaq b'urgenza lejn id-dar billi l-mara tieghu kienet ma tiflahx u ried jehoda ghand it-tabib. Jghid illi dak in-nhar huwa ma regax mar lura hemmekk peress illi kellu jiehu hsieb lil bintu minhabba li martu li kienet marida.* ***<u>Il-Qorti ghalhekk tistaqsi - liema hi l-verzjoni t-tajba? L-imputat donnu jipprova jirfina l-verzjoni tieghu maz-zmien sabiex igibha aktar kredibbli!</u>***

v. *Konsegwentement, jidher car illi* ***<u>l-Ewwel Qorti tat piz qawwi lil istqarrija tar-rikorrenti</u>*** *(liema huwa rrilaxxa minghajr assistenza legali)* ***sabiex waslet ghas-sejbien ta'htija tieghu****, u dan meta fil-konsiderazzjonijiet taghha qabblet il-*

*verzjoni li <u>rikorrenti ta fl-istqarrija tieghu</u>, mal-verzjoni li huwa ta bil- gurament quddiemha.*

***<u>Dritt tal-Assistenza Legali</u>***

*Peress illi l-Ligi fiz-zmien illi fih l-esponent gie arrestat u investigat ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni kif ukoll ma kienetx tippermetti li l-persuna investigata access tal-file tal-Pulizija u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponent mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-tehid tal-istqarrija huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall esponenti;*

*Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha;*

*Illi fil-fatt il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz* ***<u>Dayanan v. Turkey</u> (13.10.2009 (II))*** *irriteniet is-segwenti;*

> *"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*
>
> *In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such*

> *assistance was not allowed by the law in force at the relevant time.* ***In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."***

*Illi inoltre il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* ***Pischalnikov v. Russia*** *deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u teknici tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:*

*Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case ...* ***In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his righs afforded by the criminal procedural law.***

*Illi ghaldaqstant jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament mic-cahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendetament mic-cirkostanzi, karattru, antecedenti, vulnerabbilita' o meno, tal-persuna investigata (Salduz vs Turkey; Brusco vs. France; Panovits vs. Cyprus; Pischalnikov vs Russia; Dayanan vs Turkey; Plonka vs. Poland; Pavlenko vs. Russia; Boz vs Turkey; Demirkaya vs Turkey).*

*Illi f'Malta l-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi* **Pulizija vs Alvin Privitera** *u* **Pulizija vs. Esron Pullicino***.*

*Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, l-esponenti jaghmel referenza inter alia ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet* ***Panovits vs Cipru****, deciza fil-11 ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:*

> *'It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by*

> *Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.'*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

1. *Tiddikjara illi minhabba c-cahda tal-assistenza legali waqt l-arrest gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;"*

Rat li r-rikors promotur, d-digiet u l-avviz tas-smiegh li gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-11 ta' Settembru 2014, (a fol. 6 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi l-ilment tar-rikorrent huwa li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba li kemm qabel u kif ukoll waqt l-interrogazzjoni huwa ma inghatax id-dritt ghall-assistenza legali u gie imcahhad ukoll mill-access ghal-file tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz.*

2. *Illi d-dritt moghti miil-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa d-dritt ghal smigh xieraq u mhux id-dritt ghal-ghajnuna ta' avukat qabel jew waqt illi tittiehed stqarrija. Dan ifisser, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma gabet 1-ebda pregudizzju serju ghall-akkuzat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun li jinvoka ksur tas-smigh xieraq abbazi ta' dan in-nuqqas.*

3. *Illi l-esponent jirrileva minnufih li f'dan il-kaz partikolari n-nuqqas tar-rikorrent li jikkonsulta ma' avukat qabel u waqt l-interrogazzjoni zgur li ma gab l-ebda pregudizzju fil-konfront tieghu u dan ghaliex meta xehed viva voce fit-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta' Lulju 2009 ikkonferma l-kontenut tat-tliet stqarrijiet li hu irrilaxxa mal-Pulizija. Dakinhar ir-rikorrenti kien assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu u ta' l-verzjoni tieghu tal-fatti. Kellu kull opportunita' li jbiddel il-verzjoni li ta fl-istqarrijiet izda hu liberament u konxjament m'ghamel xejn minn dan anzi sahanistra ghamilha cara li jiftakar sew il-kontentut taghhom u Ii kien iffirmahhom it-tlieta li huma. Apparti dan kollu r-rikorrent dejjem cahad kategorikament li hu qatt iffalsifika xi firma.*

4. *Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ghamlet analizi shiha tal-provi kollha li ngabru waqt il-kumpilazzjoni u elenkat diversi punti ghalfejn ma kinitx qed temmen il-verzjoni tar-rikorrenti u* ***jinghad ghalhekk li s-sejbien ta' htija tar-rikorrenti zgur li mhijiex ibbazata biss u esklussivament fuq l-istqarijiet mehuda mill-pulizija izda minn provi ohra wkoll.***

5. *Illi minghajr hsara ghall-premess ix-xebh li r-rikorrent jipprova jislet ma' certu kazijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti Ewropea ma huwa ta' ebda ghajnuna ghalih. Apparti li f'dawk il-kazijiet il-kontenut tal-istqarrija kien l-uniku fattur determinanti Ii seta' jwassal ghas-sejbien ta' htija (kuntrarjament ghal dan il-kaz), tajjeb li jinghad ukoll li f'dawk is-sentenzi giet espressa l-fehma li l-jedd tal-assistenza legali ghandu jinghata ghall-iskop prectz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li tiqba' sikta u bla theddid, vjolenza jew b'mod abbuziv. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abbuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

6. *Illi ma jirrizultax li r-rikorrent gie mhedded, imsawwat, imqarraq jew kien persuna vulnerabbli meta gie interrogat. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment kontra l-istqarrijiet meta kellu kull opportunita' li jaghmel hekk quddiem il-qrati kriminali. Dan juri li huwa ma hassx li l-istqarrijiet kienu ta' pregudizzju ghalih jew li ittiehdet b'abbuz anzi hu ibbaza d-difiza tieghu propju fuq dawk l-*

*istqarrijiet. It-test decisiv f'dawn il-kazijiet huwa jekk fil-mument tat-tehid tal-istqarrija, l-interrogat kienx f'qaghda ta' vulnerabbilita', djghufija, biza', vjolenza jew pressjoni mhux xierqa.* ***F'dan ix-xenarju tajjeb li wiehed jerga jenfassiza li f 'dan il-kaz ir-rikorrent ikkonferma il-kontenut tat-tliet stqarijiet li hu rrilaxxa u allura il-Qorti setghet tizen u tanalizza jekk dawn jaghmlux sens fid-dawl anki ta' provi ohra li tressqu mill-prosekuzzjoni.***

7. *Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrent intavola appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati u fl-appell tieghu qatt ma jsemmi li hu sofra xi pregudizzju minhaba l-istqarrjiet li irrilaxxa. Fil-fatt l-aggravji tieghu kienu dwar apprezzament hazin ta' xhieda/provi u dwar il-piena li giet inflitta mill-Ewwel Qorti.* ***Il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell u kkonfermat s-sentenza appellate fl-intier taghha.***

8. *Illi fuq l-ilment li r-rikorrent ma nghatax access ghall-file tal-pulizija dan huwa assolutament minghajr ebda fundament guridiku jekk mhux ukoll fieragh. Dan minhabba li ma jezisti l-ebda dritt taht il-Konvenzjoni Ewropeja jew taht l-Kostituzzjoni li akkuzat ghandu access ghall-file tal-pulizija. L-akkuzat jigi pprocessat u ggudikat fuq l-evidenza li titressaq il-Qorti u mhux fuq dak li jkun hemm fil-file tal-pulizija.*

9. *IIli ghalhekk l-ilment tar-rikorrent fuq in-nuqqas ta' assistenza legali ghandu jigi mwarrab. Wara kollox kif ribadit mil-Qrati taghna il-jedd ta' ghajnuna ta' avukat jinghata mhux biex tinholoq formalita' li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat.*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

11. *Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitloblil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Elvin Grech tal-20 ta' Jannar 2015 (a fol. 465 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tat-18 ta' Frar 2015 (a fol. 472 et seq.);

Rat id–dokumenti u l-atti kollha ezebiti fil-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mil-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti ressaq biss l-atti tal-kawza Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Elvin Grech deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Krimnali Inferjuri fil-25 t'April 2014. Apparti minn dawn l-atti, ma gew prodotti ebda provi ulterjuri la mir-rikorrenti u lanqas mill-Avukat Generali.

Mill-provi li jirrizultaw mill-atti processwali tal-proceduri kriminali migjuba kontra r-rikorrenti, din il-Qorti rat illi l-istess rikorrenti gie mixli fl-20 ta' Frar 2007 **meta allura r-rikorrenti kellu disgha u ghoxrin sena**, b'akkuzi ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti falsifikati. Jirrizulta illi l-falsifikazzjoni tad-dokument meritu tal-akkuzi kienet saret b'mezzi eletronici cioe' permezz ta' *scanning*. Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha tal-21 ta' Marzu 2013, jidher illi ghamlet referenza ghal diversi xhieda u serhet is-sentenza taghha fuq ix-xhieda tal-Ispettur Gafa l-ufficcjali investigattiv u prosekutur, ix-xhieda tal-*Engineer* Ronald Vella (l-parte civili) , ix-xhieda ta' Philip Psaila ko-impjegat tar-rikorrenti Grech mal-Gozo Football Association, l-espert tac-*cyber crime unit*, l-espert tal-kaligrafija Dr. Juliana Scerri Ferrante ghall-ezami tal-veracita o meno tal-firma tal-*Engineer* Ronald Vella (liema espert ikkonkludiet li l-firma meritu tal-allegazzjoni ta' falsita kienet nieqsa minn kull pressjoni kaligrafika tal-awtur taghha u li tali firma kienet sempliciment ikkupjata b'mezzi eletronici).[1] u xhieda ta' Dr. Martin Bajada Espert tat-Teknologija Informatika li fir-relazzjoni tieghu Dok. MB[2] li ikkonferma li l-firma ta' *Engineer* Vella kienet rezultat ta' *"cut and paste"* minn document iehor **li gie kkuppjat permezz ta' *scanner* u ipprinjat minn *inkjet printer*.**

[1] Vide Dok EG19 a fol. 52 tal-atti annessi u fol. 90 ta' dawn l-atti.
[2] Vide fol. 116 tal-atti anessi, u 149 ta' dawn l-atti

Elvin Grech tul l-investigazzjoni rrelaxxa tlett stqarriji: l-ewwel stqarrija tat-3 ta' Marzu 2007 Dok EG7 a fol. 58; it-tieni stqarrija fl-4 ta' Marzu 2007 fil-9:35am Dok EG6 a fol. 56; u t-tielet stqarrija fl-4 ta' Marzu 2007 fil-15:16 Dok. EG5 a fol. 54.

F'dawn it-tlett stqarriji Elvin Grech ma kienx assistit mill-Avukat difensur tieghu. Jirrizulta pero illi Elvin Grech kien kellem lil Dr. Joseph Grech qabel ma rrelaxxa l-ewwel stqarrija u kien kellem lil Dr. Anton Refalo qabel ir-relaxx tat-tieni stqarrija.

L-istqarriji ta' Elvin Grech jikkontienu cahda kategorika ta' kull akkuza ta' falsita' ta' dokumenti jew t'uzu ta'dokumenti maghrufa li kienu foloz .

L-istess cahda giet imtennija mir-rikorrenti Elvin Grech fix-xhieda viva voce tieghu quddiem dik il-Qorti tal-Magistrati kif jidher mit-testimonjanza tieghu minn fol. 187 sa 194. Din ic-cahda kienet testendi ukoll ghall-allegat fatt li Elvin Grech sostna li hu ma kienx jaf juza l-*iscanner* li kien hemm fl-ufficcju, minkejja illi rrizulta mill-provi li Elvin Grech kellu Bacelorat fl-IT fil-*programming*. – Vide xhieda ta' Paul Buttigieg a fol. 234.

Illi di piu' jirrizulta illi mix-xhieda tal-istess Elvin Grech li huwa kien juza ***ink jet printer*** fl-ufficcju tieghu, **waqt li l-ko-impjegat tieghu kellu *laser printer*** – Vide fol. 188.

Imkien fix-xhieda li jirrizulta fl-atti tal-proceduri kriminali annessi, ma jirizulta li Elvin Grech kien persuna vulnerabbli, jew li kien taht l-eta. Lanqas ma jirrizulta illi Grech ghamel xi lment dwar il-volontarjeta' o meno tal-isqarrijiet tieghu jew li tefa' xi dell li dawn ittiehdu permezz ta' teghdid, pressjoni mhux flokha jew weghdi ta' vantaggi. Lanqas ma ghamel xi lment fis-sens li ma giex moghti l-*caution* li ghandu d-dritt ma jwiegibx ghal domandi li jistghu jinkrimnawh, u li dak li se jghid jista' jingieb bhala prova kontra tieghu.

Bhala stat ta' fatt il-partijiet jaqqblu illi fit-3 u fl-4 ta' Marzu meta ttiehdu l-isqarriji tar-rikorrenti Grech huwa fil-fatt ma kienx assistit mill-Avukat difensur tieghu.

Dawn il-fatturi kollha huma fost il-fatti stabbiliti u l-principji legali illi fuqhom giet ankrata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Marzu 2013 – Vide fol. 398 sa 410 u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri deciza fil-25 t'April 2014 – Vide fol. 456 sa 462.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikjesta illi ghandha quddiemha din il-Qorti hija talba ghar-rimedju effettivi stante li n-nuqqas t'assistenza legali waqt il-hin tal-arrest illeda d-drittjiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk:

> ***"(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.***
> ***"(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:***
> ***"(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk."***

Illi dawn id-drittijiet huma pienament riflessi fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat diversi pronunzjamenti dwar l-assistenza legali fl-ambitu ghad-dritt ta'*fair trial*. Infatti:

> ***"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be***

> ***effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial”***
>
> (Vide **Poitrimol v. France**, deciza fit-**23 November 1993**, para. 34, App. no 14032/88,; **Demebukov v. Bulgaria** App. no. 68020/01, para. 50,deciza fit- **28 February 2008**).

Di piu’ is-sentenza **Salduz v. Turkey** App.No. 36391/2 datata **27 ta’Novembru 2008**, pronunzjata mill-Grand Chamber. Il-Qorti Ewropea irriteniet:

> **“*In order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction”.* [para 55].**

Ghalhekk, skont il-Qorti Ewropea, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni. Huwa biss eccezzjonalment, li d-dritt ghall-avukat jista’ jigi ristrett, izda **anke f’dak il-kaz, il-Qorti trid tezamina jekk kemm-il darba d-dritt tal-akkuzat ghal *fair trial*, fit-totalita’ tieghu, giex pregudikat.**

Il-Qorti f’dan l-istadju taghmel referenza ghal-dak ritenut fil-ktieb awtorevoli **“A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights”, - Karen Reid**, [it-tielet Edizzjoni]:

> ***“While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a***

> ***particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".*** Ibid a fol. 70

Fil-kliem tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta'**Salduz:**

> ***"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably <u>equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.</u> [para.*** **53]**
>
> ***"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings…. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself".*** **[para.**54**]** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti rat u ezaminat il-gurisprudenza aktar ricenti tal-Qorti Ewropea fejn***"a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions",***gie kostatat bhala sufficjenti ghas-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Vide **Boz v. Turkey 9.02.2010**, u **Dayanan v. Turkey 13.10.2009**).

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz in ezami m'hemmx kontestazzjoni li ghal kuntrarju ta' cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fuq citata, fil-kaz in ezami, l-istqarriji ta' Elvin Grech **certament ma kienux l-uniku prova li kellha l-prosekuzzjoni kontra r-rikorrenti**. Ghal kuntrarju, l-Qorti tal-Magistrati mhux biss semghet **izda strahet fuq numru konsiderevoli ta' xhieda** u b'mod specjali strahet **fuq ix-xhieda forensika provduta mill-Espert tal-Kaligrafija** [3]**, mill-Espert IT**[4] , mill-**fatt ewlieni li kien ir-rikorrenti li kellu *ink jet printer*,** li r-rikorrenti kellu Bacellorat fil-programmar tat-teknologija tal-informatika, eppure ddikjara bil-gurament li ma kienx jaf juza *scanner*.

Illi di piu' l-Qorti taghraf ic-cirkostanzi fil-kawza **Salduz vs Turkey** fuq citat, kienu ben diversi mill-kaz in ezami. L-akkuzat f'dawk il-proceduri **kien minorenni meta ttehditlu stqarrija fl-assenza tal-avukat**, u **kien ghamel allegazzjoni ta' koerzjoni da parti tal-Pulizija.** Fil-kaz in ezami fid-data tat-tehied tal-isqarriji u **cioe 3 u 4 ta' Marzu 2007 Elvin Grech kien adult ta' disgha u ghoxrin sena**, u ma hemm ebda xrara t'evidenza li kien hemm pressjoni mhux f'lokha da parti tal-pulizija fit-tehid tal-istess. Illi di piu' din il-Qorti taghraf illi rikorrenti Grech ghazel li jaghti x-xhieda viva voce quddiem il-Qorti tal-Magistrati u f'ebda hin ma ghamel xi allegazzjoni fuq il-Pulizija quddiem dik il-Qorti. Di piu' ma jistghax ma jsirx accenn ghal-fatt illi fil-kaz ta' Salduz l-isqarrija relaxxata mill-akkuzat minorenni fl-assenza tal-Avukat tieghu, **kienet ammissjoni piena tal-akkuzi dedotti** kontra tieghu **u l-unika xhieda fil-process kriminali tieghu**. Fil-kaz in ezami t-tlett stqarriji **lamentati huma cahda kategorika tal-akkuzi kollha**.

Illi ghaldaqstant u fuq il-linji gwida ta' **Imbroscia vs Switzerland**[5]; **Salduz vs Turkey** u **Plomka vs Polonja**[6] sabiex jigi determinat kemm –il darba l-iskop tal-Arikolu 6 ghas-smiegh xieraq intlahaqx, il-gudikant ghandu **janalizza l-proceduri kriminali**

[3] Dr. Juliana Scerri Ferrante
[4] Dr. Martin Bajada
[5] Series A no. 275 1993
[6] Deciza fil-31 ta' Marzu 2009

**domestici fl-intierita' taghhom**.[7] Dan l-insenjament tal-Qorti Ewropea gie akkoljat f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin[8].

Illi l-Qorti ghaldaqstant, wara li ezaminat il-proceduri kriminali ta' Elvin Grech fl-intierita' taghhom, hi tal-fehma illi ma hemmx lezzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minkejja li huwa ma inghatax l-assistenza legali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat; tichad it-talbiet attrici u tiddikjara li ma gewx lezi d-drittijiet tar-rikorrenti Elvin Grech ghas-smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta ma inghatax l-assistenza legali waqt li rrilaxxa l-istqarriji tieghu.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[7] *""The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 - a fair trial - has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case"* **Imbroscia vs Switzerland***;*

[8] Vide sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs Mark Lombardi** deciza 9 t'Ottubru 2009 ; **Pulizija vs Esrom Pullicino** deciza fit-12 t'April 2011 – Referenza Kostituzzjonali; u **Anthony Taliana vs il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.